# KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI POIARES MADURO

ippreżentati fit-18 ta' Lulju 2007 [1]

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija msejħa tiddeċiedi dwar l-appell ippreżentat mir-Renju ta' l-Iżvezja kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-30 ta' Novembru 2004, IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li ċaħdet ir-rikors ta' IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds gGbmH (iktar 'il quddiem "IFAW") għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2002 li ċaħditilha l-aċċess għal ċerti dokumenti dwar id-dekommissjonament ta' sit protett.

2. Skond l-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza inġustament ikkunsidrat li l-Artikolu 4 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [3] (iktar 'il quddiem ir-"regolament"), li fuqu d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata, jobbliga istituzzjoni li tiċħad kull talba għal aċċess ta' dokument li jkollha f'idejha li ġej minn Stat Membru, fil-każ fejn dan ta' l-aħħar jopponi l-iżvelar tiegħu.

3. Hekk kif l-analiżi tal-kawża turi, il-kwistjonijiet legali ta' din il-kawża u d-diskussjonijiet mqajma juru d-differenzi kulturali fil-qasam tat-trasparenza u jikkonfrontawhom ma' xulxin. Differenza bejn il-kultura Komunitarja li reċentement ikkonvertiet b'mod ftit jew wisq entużjast għar-rekwiżit ta' trasparenza u l-kultura tal-pajjiżi Nordiċi li jgawdu minn tradizzjoni antika u partikolarment b'saħħitha f'dan il-qasam [4]. Differenza oħra hija fil-kultura ta' l-Istati Membri kif evidenzjat f'din il-kawża, peress li minn sitt Stati Membri involuti, erbgħa intervenew quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u/jew quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jikkontestaw l-interpretazzjoni stabbilita mill-Qorti tal-Prim'Istanza u tnejn sabiex jiddefenduha. Il-kawża u l-problema legali li hija tqajjem juru wkoll l-interazzjonijiet reċiproċi bejn is-sistemi legali differenti dwar it-trasparenza

1 — Lingwa oriġinali: il-Portugiż.

2 — T-168/02, Ġabra p. II-4135.

3 — ĠU L 145, p. 43.

4 — Sabiex jintwera dan il-kuntrast, nirreferi għal Ragnemalm, H., "Démocratie et transparence: sur le droit général d'accès des citoyens de l'Union européenne aux documents détenus par les institutions communautaires", *Mél. G. F. Mancini*, Volum II, edizzjoni Dott. A. Giuffrè, Milan, 1998, p. 809. Infakkar biss li d-dritt ta' aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti uffiċjali ġie inkluż fil-kostituzzjoni Żvediża sa mill-1766.

"it-trasparenza Ewropea, ibbażata mill-forom ta' trasparenza nazzjonali, min-naħa tagħha teffettwa l-Istati Membri" [5]. Fl-aħħar nett, il-kawża tinvolvi dispożizzjoni tar-regolament li hija partikolarment suġġetta għal kontestazzjonijiet kontenzjużi: fis-sentejn li fihom ġie applikat dan ir-Regolament, fuq ħdax-il rikors imressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kontra deċiżjonijiet ta' rifjut min-naħa tal-Kummissjoni, sitta kienu jirrigwardaw l-implementazzjoni ta' l-Artikolu 4(5) [6].

## I — Il-kuntest ta' l-appell

4. Sabiex tinftiehem din il-kawża, il-kwistjonijiet tagħha u s-soluzzjoni li tista' tinstabilha, hemm bżonn li jiġu mfakkra d-dispożizzjonijiet prinċipali applikabbli, tal-fatti u tas-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

### A — *It-testi applikabbli*

5. L-Artikolu 255(1) u (2) KE jipprovdi li:

"1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, soġġett għall-prinċipji u l-kondizzjonijiet kif definiti skond il-paragrafi 2 u 3.

2. Il-prinċipji ġenerali u l-limiti għar-raġuni ta' interess pubbliku jew privat li jirregolaw id-dritt ta' l-aċċess għal dokumenti jiġu stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam."

6. Id-Dikjarazzjoni Nru 35 annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam (iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni Nru 35") jipprovdi li:

"Il-Konferenza taqbel li l-prinċipji u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu [255](1) tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea jippermettu lill-Stat Membru li jitlob lil-Kummissjoni jew lill-Kunsill li ma jikkomunikax ma' partijiet terzi dokument li joriġina minn dak l-Istat mingħajr il-qbil preċedenti tiegħu".

5 — Rideau, J., "Jeux d'ombres et de lumières en Europe", fi *La transparence dans l'Union européenne: mythe ou principe juridique?*, LGDJ, Pariġi, 1998, p. 1.

6 — Ara r-rapport tal-Kummissjoni fuq l-implementazzjoni tal-prinċipji tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Jannar 2004 [COM(2004) 45 finali, punt 3.5.2].

7. Abbażi ta' l-Artikolu 255(2) KE, il-Kunsill adotta r-Regolament. Ir-raba', is-sitt, id-disa' u l-ħmistax-il premessa ta' dan ir-Regolament huma fformulati kif ġej:

"(4) L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jagħti l-akbar effett possibbli lid-dritt ta' l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u li jistipula l-prinċipji ġenerali u l-limiti fuq dan l-aċċess skond l-Artikolu 255(2) tat-Trattat tal-KE.

[...]

(6) Għandu jingħata aktar aċċess għad-dokumenti f'każijiet fejn l-istituzzjonijiet jaġixxu fil-kapaċitajiet leġislattivi tagħhom, inklużi dawk taħt setgħat delegati, filwaqt li fl-istess ħin tinżamm l-effettività tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-istituzzjonijiet. Dawn id-dokumenti għandhom jsiru direttament aċċessibbli bl-aktar mod possibbli.

[...]

(9) Xi dokumenti għandhom jingħataw trattament speċjali, minħabba l-kontenut sensittiv ħafna tagħhom. Arranġamenti sabiex il-Parlament Ewropew jiġi avżat dwar il-kontenut ta' dawn id-dokumenti għandhom isiru permezz ta' ftehim bejn l-instituzzjonijiet.

(10) Aċċess għal dokmenti għandu jingħata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni mhux biss għad-dokumenti miktuba mill-istituzzjonijiet, iżda wkoll għad-dokumenti li dawn jirċievu sabiex ikun hemm aktar trasparenza fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li d-Dikjarazzjoni Nru 35, mehmuża ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam jipprovdi li Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill li ma jikkommunikawx lil partijiet terzi dokument li ġej minn dak l-Istat mingħajr il-kunsens tiegħu minn qabel.

[...]

(15) Għalkemm l-emenda ta' liġijiet nazzjonali dwar aċċess għal dokumenti m'hijiex l-iskop jew l-effett ta' dan ir-Regolament, permezz tal-prinċipju ta' koperazzjoni leali li tirregola r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jaraw li ma jfixklux l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u għandhom iħarsu r-regoli ta' sigurtà ta' l-istituzzjonijiet."

8. L-Artikolu 1(a) tar-regolament jiddisponi li:

"Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa:

a) li jfisser il-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat, li jirregolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-istituzzjonijiet") previsti fl-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE sabiex jiġi żgurat l-akbar aċċess għal dokumenti".

9. L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jipprovdi li:

"Benefiċjarji u skop

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna naturali jew legali residenti jew bl-uffiċċju reġistrat f'Stat Membru, għandu dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti stipulati f'dan ir-Regolament.

[...]

3. Dan ir-Regolament għandhu jgħodd lil kull dokument miżmum minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti miktuba minnha jew li rċiviet u fil-pussess tagħha, f'kull qasam ta' attività ta' l-Unjoni Ewropea.

[...]

5. Dokumenti sensittivi mfissra fl-Artikolu 9 (1) għandhom ikunu soġġetti għal trattament speċjali skond dak l-Artikolu.

[...]"

10. Skond l-Artikolu 3(b) ta' dan ir-regolament, għall-għan ta' dan, "parti terza" tfisser, "kull persuna naturali jew legali, jew kull entità barra mill-istituzzjoni involuta, inklużi l-Istati Membri, korpi Komunitarji oħrajn, istituzzjonijiet oħra mhux Komunitarji u korpi u pajjiżi terzi".

11. L-Artikolu 4 tar-regolament jipprovdi li:

"Eċċezzjonijiet

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

a) l-interess pubbliku fir-rigward ta':

— is-sigurtà pubblika,

— kwistjonijiet militari u ta' difiża,

— relazzjonijiet internazzjonali,

— il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru;

b) il-privatezza u l-integrità ta' l-individwu, b'mod partikolari skond il-legislazzjoni Komunitarja dwar il-ħarsien ta' data personali.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

— interessi kummerċjali ta' persuna naturali jew legali, inkluża l-proprjetà intellettwali,

— proċedimenti fil-qrati u pariri legali,

— l-iskop ta' ispezzjonijiet, invesitgazzjoni u verifiki,

jekk ma' jkunx hemm interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

3. Aċċess għad-dokument, miktub minn instituzzjoni għall-użu intern jew irċevut minn instituzzjoni, dwar kwistjoni fejn id-

deċiżjoni ma ttiħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi rifjutat jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

Aċċess għad-dokument li fih opinjonijiet għall-użu intern bħala parti minn deliberazzjoni u konsultazzjonijiet preliminarji fl-istituzzjoni kkoncernat għandu jiġi rifjutat anke wara li tittieħed id-deċiżjoni jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

4. Fir-rigward ta' dokumenti ta' partijiet terzi, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-parti terza bl-iskop li tagħmel stima dwar jekk tapplika eċċezzjoni fil-paragrafu 1 jew 2, jekk ikun ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

5. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax dokument li ġej minn dak l-Istat Membru jekk ma' jkunx ġie miftiehem hekk minn qabel.

[...]

7. L-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 sa' 3 għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-eċċeżżjonijiet dwar privatezza jew interessi kummerċjali u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, l-eċċeżżjonijiet jistgħu, jekk meħtieġ, jibqgħu japplikaw wara dan il-perjodu."

12. L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament jipprovdi li:

"Dokumenti fl-Istati Membri

Meta Stat Membru jirċievi talba għal dokument fil-pussess tiegħu, li l-oriġini tiegħu ġejja minn istituzzjoni, jekk m'hiex ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat, l-Istat Membru għandu jikkonsulta ma' l-istituzzjoni involuta sabiex jieħu deċiżjoni li ma jipperikolax il-kisba ta' l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

L-Istat Membru jista' minflok jirreferi t-talba lill-istituzzjoni."

13. Skond l-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament:

"1. Dokumenti sensittivi human dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew Organizzazzjonijiet Internazzjonali, klassifikati bħala "TRÈS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skond ir-regoli ta' l-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzali ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża.

2. Applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokumenti sensittivi taħt il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 għandhom jiġu proċessatt biss minn persuni li għandhom dritt isiru jafu dwar dawk id-dokumenti. Dawn il-persuni għandhom ukoll, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(2), jagħmlu stima dwar liema referenzi għal dokumenti sensittivi jistgħu jsiru fir-reġistru pubbliku.

3. Dokumenti sensittivi għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru jew żvelati biss bil-kunsens ta' mingħand min ġejjin.

4. Istituzzjoni li tiddeċiedi li ma tagħtix aċċess għal dokument sensittiv għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha b'mod li ma jagħmilx ħsara l-interessi mħarsa fl-Artikolu 4.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal dokumenti sensittivi jitħarsu l-prinċipji f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4.

6. Ir-regoli ta' l-istituzzjonijiet dwar dokumenti sensittivi għandhom isiru pubbliċi.

7. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom javżaw lill-Parlament Ewropew dwar dokumenti sensittivi skond l-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet."

B — *Il-fatti*

14. Fid-19 ta' April 2000, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ħarġet opinjoni li tawtorizza r-Repubblika Federali tal-Ġer-

manja li tiddikommissjona s-sit ta' Mühlenberger Loch, li sa dakinhar kienet żona protetta skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u tal-flora selvaġġa [7], għat-twettiq ta' proġett li jikkonsisti fit-tkabbir tal-fabbrika ta' Daimler Chrysler Aerospace Airbus u fir-reklamazzjoni ta' parti mill-estwarju għat-titwil ta' runway.

15. Permezz ta' ittra ta' l-20 ta' Diċembru 2001 indirizzata lill-Kummissjoni, IFAW, organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem fil-qasam tal-preservazzjoni tal-benesseri ta' l-annimali u l-protezzjoni tan-natura, talbet li jkollha aċċess b'mod partikolari għal korrispondenza bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-belt ta' Hamburg dwar dan is-sit u l-proġett tiegħu, kif ukoll għall-korrispondenza tal-Kanċillier Ġermaniż.

16. Billi r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li ġiet ikkonsultata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' din it-talba, opponiet li jiġu żvelati dawn id-dokumenti, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Artikolu 4(5) tar-Regolament jipprojbixxi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, li jingħata l-aċċess u, għaldaqstant, adottat fis-26 ta' Marzu 2002, id-deċiżjoni kkontestata li tiċħad it-talba ta' IFAW.

7 — ĠU L 206, p. 7.

17. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-4 ta' Ġunju 2002, IFAW ressqet rikors għal annullament kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2002.

C — *Is-sentenza appellata*

18. In sostenn tal-konklużjonijiet tagħha għal annullament, ir-rikorrenti b'mod partikolari tqajjem il-motivi bbażati fuq il-ksur ta' l-Artikolu 4 tar-regolament. Hija tqis li l-interpretazzjoni ta' l-Kummissjoni ta' l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-regolament, skond liema hija għandha l-obbligu li tirrifjuta l-aċċess għal dokument li tkun irċeviet minn Stat Membru jekk dan jopponi l-iżvelar tiegħu, hija żbaljata. Għalhekk, il-fakultà, li skond l-Artikolu 4(5) tar-regolament, Stat Membru li minnu jkun ġej dokument jista' jitlob lil istituzzjoni li żżomm dan id-dokument li ma tiżvelahx ma tistax jiġi analizzata bħala dritt ta' veto, peress illi d-deċiżjoni finali hija ta' l-istituzzjoni.

19. Abbazi ta' argument żviluppat fil-punti 50 sa 65 tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza, ċaħdet dan il-motiv u, għaldaqstant, iddeċidiet li r-rikors għal annullament mhuwiex fondat.

20. Skond is-sentenza appellata, il-fakultà mogħtija mill-Artikolu 4(5) tar-regolament

lil Stat Membru li jitlob istituzzjoni li ma tagħtix aċċess għal dokument li ġej mingħandu mingħajr il-ftehim minn qabel tiegħu tikkostitwixxi inġunzjoni lil din l-istituzzjoni li ma tiżvelax id-dokument in kwisjtoni fil-każ fejn dan ikun kontra. L-Istat Membru m'għandux obbligu li jagħti raġuni għat-talba tiegħu u l-istituzzjoni hija obbligata li timxi skond l-inġunzjoni mingħajr ma tista' teżamina jekk in-nuqqas ta' żvelar tad-dokument ikkontestat huwiex iġġustifikat minħabba, b'mod partikolari, l-interess pubbliku.

21. Minn dan il-lat, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-Artikolu 4(5) tar-regolament jagħti favur l-Istati Membri *lex specialis* fir-rigward ta' l-Artikolu 4(4) ta' dan it-test li jagħraf biss lill-partijiet terzi d-dritt li jiġu kkonsultati mill-istituzzjonijiet, sabiex jiġi stabbilit jekk id-dokument li ġie kkomunikat lilhom jaqax taħt waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1) jew (2) tar-regolament, u bil-kundizzjoni li ma jkunx ċar f'dak il-każ jekk id-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

22. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tibbaża l-interpretazzjoni tagħha ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament fuq il-premessa li l-obbligu li jkollha l-ftehim minn qabel ta' l-Istat Membru jirriskja li jkun inoperattiv, jekk l-Istat Membru ma jingħatax dritt ta' veto. Hija tibbaża wkoll fuq id-Dikjarazzjoni Nru 35, li skond din il-Konferenza taqbel li l-prinċipji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 255 KE jippermettu lil Stat Membru li jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li ma jikkomunikawx dokument li ġej minn dan l-Istat lil partijiet terzi mingħajr il-ftehim minn qabel tiegħu. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, minn dan jirriżulta li, il-fakultà prevista fl-Artikolu 4(5) tar-regolament hija spjegata mill-fatt li dan ir-regolament la għandu l-għan u lanqas l-effett li jemenda l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' aċċess għad-dokumenti, kif wara kollox tfakkar il-ħmistax-il premessa ta' dan ir-regolament. Konsegwentement, meta Stat Membru jagħmel talba għal dokument skond l-Artikolu 4(5) tar-regolament, l-aċċess għal dan id-dokument mhuwiex irregolat mir-Regolament iżda mid-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti ta' l-Isati Membru kkonċernat, li ma jkunux inbidlu minħabba l-adozzjoni tar-regolament.

23. Il-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet li, "sabiex tassigura għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament interpretazzjoni skond id-Dikjarazzjoni Nru 35 u sabiex tiffaċilita l-aċċess għad-dokument in kwistjoni billi tippermetti lill-Istat Membru, jekk ikun il-każ, li jagħti l-kunsens tiegħu għall-iżvelar tad-dokument, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta dan l-Istat Membru meta talba ta' aċċes tirrigwarda dokument li ġej mingħandu. Jekk dan l-Istat Membru, wara li jkun ġie kkonsultat, ma jintroduċix talba skond l-Artikolu 4(5) tar-regolament, l-istituzzjoni dejjem tibqa' obbligata li tevalwa, skond l-Artikolu 4(4) tar-regolament, jekk id-dokument għandux jiġi żvelat jew le"[8].

8 — Sentenza appellata, punt 60.

24. Peress illi d-dokumenti li l-komunikazzjoni tagħhom kienet ġiet mitluba mir-rikorrenti huma dokumenti li ġejjin minn Stat Membru fis-sens ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kient talbet lill-Kummissjoni li ma tiżvelax, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni mhijiex ivvizzjata bi ksur ta' l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament.

## II — L-analiżi ta' l-appell

25. Hija kontra din is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2004 li r-Renju ta' l-Iżvezja, li kien diġà parti intervenjenti in sostenn tat-talbiet tar-rikorrenti fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, appella quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. In sostenn tar-rikors tiegħu, l-appellant iqajjem motiv wieħed ibbażat biss fuq il-ksur tad-dritt Komunitarju li jirriżulta minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-portata ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament: mhux talli ma jagħtix dritt ta' veto favur l-Istati Membri kif iddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, iżda l-Artikolu 4(5) jagħrfilhom biss id-dritt li jiġu kkonsultati qabel dokument jiġi żvelat mill-istituzzjoni li huma jkunu kkomunikaw dan; mandankollu l-istituzzjoni żżomm ir-responsabbiltà li tiddeċiedi jekk għandhiex jew le tagħmlu dokument pubbliku, u deċiżjoni fejn ma tagħtix aċċess tista' biss tkun iġġustifikata minn wieħed mill-każijiet eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-kunfidenzjalità previsti fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-regolament.

26. Huwa ċar li hawnhekk qed jaffrontaw lil xulxin żewġ argumenti dijametrikament opposti fuq il-portata ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament. Sabiex tiġi ċċarata l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandha tiġi pprovata r-rilevanza tagħha. F'din il-perspettiva, jiena ser nuri li la l-interpretazzjoni litterali ta' l-Artikolu 4(5), la r-rispett tar-rieda ta' l-Istati Membri espressa fid-Dikjarazzjoni Nru 35 m'għandhom, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, is-soluzzjoni li din waslet għaliha. Għall-kuntrarju, l-interpretazzjoni sistematika u teleoloġika timponi soluzzjoni oħra.

### A — *In-nuqqas ta' risposta probatorja bbażata fuq l-interpretazzjoni litterali u tat-tfittxija ta' l-intenzjoni tal-partijiet*

#### 1. L-ifformular ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament

27. L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li taħt il-liġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

regolament, id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kien jirrigwarda biss id-dokumenti ġejjin mill-istituzzjonijiet[9]. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda d-dokumenti miżmuma minn istituzzjoni iżda mħejjija minn partijiet terzi, jiġifieri persuna fiżika jew legali, Stat Membru, istituzzjoni oħra jew korp Komunitarju jew kull korp nazzjonali jew internazzjonali ieħor, l-istituzzjoni kienet suġġetta għar-regola magħrufa bħala r-"regola ta' l-awtur". Għaldaqstant, istituzzjoni ma kinitx awtorizzata tiżvela d-dokumenti li ġejjin minn partijiet terzi, għalhekk l-applikant għal aċċess kien obbligat jindirizza t-talba tiegħu direttament lill-awtur tad-dokument[10]. Għalkemm dan kien miftiehem mill-bidu mill-ġurisprudenza bħala limitu għall-prinċipju ġenerali tad-dritt ta' aċċess u li għalhekk għandu jiġi interpretat u applikat strettament[11], din ir-regola ta' l-awtur ġiet madankollu kkwalifikata bħala "deroga assoluta f'dak li jirrigwarda d-dokumenti li l-awtur huwa parti terza"[12].

28. Għalhekk, waħda mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tar-regolament hija t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet billi telimina din ir-regola ta' l-awtur. Għaldaqstant, skond l-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament, id-dritt ta' aċċess jirrigwarda "kull dokument miżmum minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti miktuba minnha jew li rċiviet u fil-pussess tagħha". Konsegwentement, l-istituzzjonijiet jista' jkollhom jikkomunikaw dokumenti li ġejjin minn partijiet terzi, li b'mod partikolari jistgħu jinkludu l-Istati Membri, skond id-definizzjoni tal-kunċett ta' partijiet terzi fl-Artikolu 3(b) tar-regolament. Madankollu, it-tneħħija tar-regola ta' l-awtur ġiet ikkumpensata, permezz ta' trattament speċjali mogħti b'mod partikolari lid-dokumenti li ġejjin minn Stati Membri, permezz ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament. Il-kwisjtoni kollha ta' din il-kawża hija li jiġi ddeterminat f'xiex jikkonsisti eżattament dan it-trattament speċjali.

29. Jekk it-termini tad-dispożizzjoni in kwistjoni kienu ċari, ikun leġittimament possibbli li jiġi kkunsidrat li għandha tiġi applikata r-regola hekk kif stipulata: *in claris non fit interpretatio.* Madankollu, f'dan il-każ huwa impossibbli li wieħed jasal għal tweġiba mill-iformular billi dan mhuwiex ċar. Huwa jipprovdi li "Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax dokument li ġej minn dak l-Istat Membru jekk ma' jkunx ġie miftiehem hekk minn qabel". Hekk kif l-istess Kummissjoni ammettiet, dan l-"ifformular ta' l-Artikolu 4(5) ma jippreċiżax safejn l-istituzzjonijiet għandhom l-obbligu li jirrispettaw l-opinjonijiet negattivi ta' Stat Membru għall-iżvelar ta' wieħed mid-dokumenti tiegħu"[13]. Fil-fatt, l-enfażi fuq il-fatt li kull żvelar minn istituzzjoni ta' dokument li Stat Membru jkun għaddielu jista' jkun suġġett, fuq talba ta' dan, għal "ftehim minn qabel tiegħu" jargumenta favur ir-rikonoxxi-

9 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Ottubru 2000, JT's Corporation vs Il-Kummissjoni (T-123/99, Ġabra p. II-3269, punt 53), u tal-11 ta' Diċembru 2001, Petrie *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/99, Ġabra p. II-3677, punt 47).

10 — Għal sunt, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' April 2005, Sison vs Il-Kunsill (T-110/03, T-150/03 u T-405/03, Ġabra p. II-1429, punt 92).

11 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Lulju 1999, Rothmans vs Il-Kummissjoni (T-188/97, Ġabra p. II-2463, punt 55), u tas-7 ta' Diċembru 1999, Interporc vs Il-Kummissjoni (T-92/98, Ġabra p. II-3521, punt 69).

12 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Ottubru 2003, Co-Frutta vs Il-Kummissjoni (T-47/01, Ġabra p. II-4441, punt 59).

13 — Rapport tal-Kummissjoni fuq l-implementazzjoni tal-prinċipji tar-Regolament tat-30 ta' Jannar 2004, punt 3.5.2.

ment ta' dritt ta' veto favur l-Istat Membru. Min-naħa l-oħra, l-użu tal-kelma "jitlob" iwassal sabiex jiġi konkluż li d-deċiżjoni ta' l-iżvelar taqa' b'mod definittiv fuq l-istituzzjoni li żżomm id-dokument billi, hekk kif ġustament qieset ir-rikorrenti fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, it-terminu "talba" tista' tiġi mfissra bħala l-att jew il-fatt li titlob xi ħaġa, li jfisser li l-parti li ppreżentat talba qed tistenna risposta għalija kif ukoll l-eżerċizzju ta' setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni mill-parti li twieġeb. Din l-ambigwità fl-ifformular ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament hija enfasizzata mill-kuntrast mogħti mill-qari tat-termini ta' l-Artikolu 9 (3), li minnu jirriżulta mingħajr dubju d-dritt ta' veto, peress li jipprovdi li "dokumenti sensittivi għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru jew żvelati biss bil-kunsens ta' mingħand min ġejjin". Għalhekk mhuwiex possibbli għalija li nsegwi l-Qorti tal-Prim'Istanza li, fis-sentenza li hija s-suġġett ta' dan l-appell, ikkunsidrat li l-obbligu, impost lill-istituzzjoni li żżomm dokument li ġej minn Stat Membru, li tikseb il-kunsens minn qabel tiegħu qabel kull żvelar ta' dan id-dokument, huwa "stabbilit b'mod ċar" fl-Artikolu 4(5) tar-regolament [14].

30. Minbarra dan, l-emendi għar-regoli ta' proċedura tagħhom magħmula mit-tliet istituzzjonijiet, fit-twettiq ta' l-obbligu tagħhom li jaddattaw għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament skond l-Artikolu 18 tiegħu, jikkonfermaw, jekk dejjem kien hemm il-bżonn, l-ekwivoku fil-kliem ta' l-Artikolu 4(5). Mill-qari tagħhom, jirriżulta li l-Kummissjoni kienet tidher li ma tipprojbixxix il-possibbiltà li tiżvela d-dokument li ġej minn Stat Membru kontra l-opinjoni espliċita ta' l-awtur tagħhom, anki meta l-Istat Membru jkun talabha li dan ma tagħmilx dan mingħajr il-ftehim minn qabel tiegħu [15]. Il-Kunsill, min-naħa tiegħu, illimita ruħu li jirriproduċi l-kliem ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament [16]. F'dak li jirrigwarda l-Parlament Ewropew, ir-regolita' proċedura tiegħu m'għandhom l-ebda dispożizzjoni partikolari li tirrigwarda d-dokumenti li ġejjin mill-Istati Membri u jillimita ruħu li jipprovdi, fil-każ ta' dokumenti li ġejjin minn partijiet terzi, konsultazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar "sabiex jiġi ddeterminat jekk waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 9 tar-regolament Nru 1049/2001 tapplikax" [17].

31. L-istess duttrina tidher li hija maqsuma fuq is-sinjifikat li għandu jingħata lit-termini ta' l-Artikolu 4(5), fuq il-portata li din id-dispożizzjoni għandha tingħata. Uħud jemmnu li mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni

14 — Punt 58 tas-sentenza appellata.

15 — Ara l-Artikolu 5(4)(b) u (6) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/937/KE, ECSC, Euratom tal-5 ta' Diċembru 2001, li temenda r-regoli ta' proċedura (ĠU L 345, p. 94).

16 — Ara l-Artikolu 2(1)(b) ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/840/KE, tad-29 ta' Novembru 2001, li temenda r-regoli ta' proċedura tal-Kunsill (ĠU L 313, p. 40).

17 — Ara l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni ta' l-Uffiċċju dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2001 (ĠU C 374, p. 1).

tirriżulta l-affermazzjoni esplicita ta' dritt ta' veto favur l-Istati Membri [18]. Min-naħa l-oħra, oħrajn isostnu interpretazzjoni differenti, billi jħallu d-dritt ta' l-aħħar kelma fuq talba għal aċċess lill-istituzzjoni li żżomm dan id-dokument [19].

32. Fir-realtà, l-ambigwità tat-termini ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament tikkorrispondi, hekk kif il-Gvern Daniż b'mod rilevanti enfasizza "ekwivoku kostruttiv" li hekk biss seta' jiġi adottat mil-leġiżlatur Komunitarju [20]. Fil-fatt, dan huwa r-riżultat tat-tensjonijiet li kien hemm ma' l-oriġini tar-regolament, oppożizzjoni bejn dawk favur iż-żamma ta' sigriet relattiv u dawk li jitolbu għal trasparenza ikbar, li qasmet il-protagonisti differenti tal-proċess leġiżlattiv [21]. Il-Kummissjoni xtaqet iżżomm għall-Istati Membri kontroll fuq l-iżvelar tad-dokumenti li jittrażmettu lill-istituzzjonijiet. Minbarra dan, il-proposta inizjali tagħha tipprevedi, fl-Artikolu 4(d) tagħha, li "l-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw l-aċċess għad-dokumenti meta l-iżvelar tagħhom jista' jkun ta' dannu sinjifikattiv għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità mitluba minn partijiet terzi li pprovdew id-dokument jew l-informazzjoni jew tal-kunfidenzjalità mitluba mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru" [22]. Il-Parlament kien ta' l-opinjoni, li d-deċiżjoni ta' l-iżvelar ta' dokument li ġej minn Stat Membru għandha tkun ta' l-istituzzjoni li żżommu u, konsegwentement, kien issuġġerixxa emenda fis-sens tal-proposta ta' regolament tal-Kumissjoni [23]. Fil-Kunsill, l-Istati Membri kienu wkoll maqsuma, kif juri l-fatt li proposta tal-Presidenza Franċiża, ippreżentata f'Diċembru 2000, li b'mod ċar irrikonoxxiet lill-Istati Membri dritt ta' veto, fl-aħħar mill-aħħar ma intlaqatx.

2. Il-portata tad-Dikjarazzjoni Nru 35

33. Għalhekk, il-kompromess kien li t-test tad-Dikjarazzjoni Nru 35 jiġi inkluż fl-Artikolu 4(5) b'mod kważi litterali, kif l-istess Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat [24] u kif tindika l-għaxar premessa tar-regolament, li sostanzjalment, permezz tagħha, l-estens-

18 — Ara b'mod partikolari f'dan is-sens, Cabral, P., "Access to Member State documents in EC law", *ELR* Volum 31 (2006), Nru 3, p. 378, 385; ara wkoll, De Leeuw, M. E., "The regulation on public access to European Parliament, Council and Commission documents in the European Union: are citizens better off?" *ELR* Volum 28 (2003), Nru 3, p. 324, 337 u 338.

19 — Ara b'mod partikolari, Harden I., "Citizenship and Information", *European Public Law* Volum 7 (2001), Nru 2, p. 165, 192, u Peers, S., "The new regulation on access to documents: a critical analysis", *YEL* 21 (2001-2002), p. 385, 407 u 408.

20 — Ara wkoll f'dan l-istess sens, Heliskoski, J., Leino, P., "Darkness at the break of noon: the case law on Regulation No 1049/2001 on access to documents", *CMLR* Volum 43 (2006), Nru 3, p. 735, 771 u 772.

21 — Għal diskussjoni dwar id-diviżjonijiet bejn l-atturi differenti involuti fil-proċess leġiżlattiv, nistgħu nirreferu għal B. Bjurulf, u O. Elgström, "Negociating transparency: the role of institutions", *JCMS* Volum 42 (2004), Nru 2, p. 249.

22 — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2000, C 177 E, p. 70).

23 — Ara emenda Nru 36, fir-Rapport A5 — 0318/2000 tas-27 ta' Ottubru 2000.

24 — Punt 57 tas-sentenza appellata; ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Settembru 2003, Messina vs Il-Kummissjoni (T-76/02, Ġabra p. II-3203, punt 41), u tas-17 ta' Marzu 2005, Scippacercola vs Il-Kummissjoni (T-187/03, Ġabra p. II-1029, punt 56).

joni tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti li l-istituzzjonijiet jirċievu għandu jinftiehem fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Nru 35.

34. Għaldaqstant, kif tista' tkejjel il-portata ta' din ir-referenza għad-Dikjarazzjoni Nru 35? L-istatus tad-dikjarazzjonijiet annessi mat-Trattati jibqa' relattivament vag. Għalkemm l-Artikolu 311 KE jiddisponi li l-Protokolli, li bi ftehim bejn l-Istati Membri, ġew annessi mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet għandhom "jifformaw parti integrali" u għaldaqstant, għandhom l-istess valur legali [25], it-Trattat ma jsemmi xejn dwar id-dikjarazzjonijiet. Id-duttrina prominenti [26] tiċħad kull effett leġiżlattiv restrittiv għad-dikjarazzjonijiet inklużi fl-att finali tat-Trattati Komunitarji, peress illi tarhom biss bħala espressjoni ta' obbligu politiku. Għal żmien twil, il-ġurisprudenza ma ħaditx pożizzjoni fir-rigward. Huwa biss reċentement li rrikonoxxiet lid-dikjarazzjonijiet portata interpretattiva [27]. Din is-soluzzjoni tikkorrispondi għal dik aċċettata fid-dritt internazzjonali. L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969, jipprovdi li Trattat għandu jiġi interpretat billi jittieħed in kunsiderazzjoni l-kuntest tiegħu, li jinkludi, "minbarra t-test, il-preambolu u l-annessi inklużi: [...] kull strument stabbilit minn waħda jew iktar partijiet għall-konklużjoni tat-Trattat u aċċettat mill-partijiet l-oħra bħala strument relatat mat-trattat". Għaldaqstant huma inklużi bħala bażi ta' interpretazzjoni, id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet [28]. L-interpretazzjoni ta' trattat kif mogħtija bi ftehim bejn l-Istati li huma partijiet f'dikjarazzjoni tista' tasal sabiex temenda dawn l-istipulazzjonijiet? Id-dritt internazzjonali diġà ta xi eżempji f'każ fejn l-Istati firmatarji huma l-interpreti awtentiċi tat-trattat [29], iżda dan ma jistax ikun il-każ fid-dritt Komunitarju, minħabba l-karatteristika riġida tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet li jikkostitwixxu l-karta kostituzzjonali tal-Komunitajiet [30].

35. Peress illi d-Dikjarazzjoni Nru 35 tista' leġittimament isservi bħala bażi ta' interpretazzjoni ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament, jibqa' sabiex jiġi stabbilit jekk din tippermetti li tiċċara s-sens. Skond ir-Renju Unit, din id-dikjarazzjoni turi li, meta adottaw l-Artikolu 255 KE, li l-portata tiegħu tapplika għal dokumenti ta' partijiet terzi u miżmuma minn istituzzjonijiet Komunitarji, l-Istat Membri kienu talbu għal garanzija sabiex id-dokumenti li ġejjin mingħandhom ma jiġux żvelati mill-istituzzjonijiet mingħajr il-kunsens tagħhom. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tat lil din id-dispożizzjoni l-istess portata,

25 — Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet żmien ilu (sentenza tat-23 ta' April 1956, Groupement des industries sidérurgiques luxembourgeoises vs L-Awtorità Għolja, 7/54 u 9/54, Ġabra p. 53, 90): *"skond l-Artikolu 84 tat-Trattat, il-kliem 'dan it-Trattat' għandhom jinftiehmu bħala li jkopru l-klawżoli tat-Trattat u ta' l-Annessi tiegħu, dawk tal-Protokolli annessi u tal-Konvenzjoni dwar dispożizzjonijiet transitorji; [...]minħabba dan il-fatt, id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dawn it-testi għandhom ukoll saħħa vinkolanti"*.

26 — Ara Thot A., "The legal status of the declarations annexed to the Single european act", *CMLR* 1986, p. 803; Costantinesco, V., "La structure du Traité instituant l'Union européenne", *CDE* 1993, Nru 3-4, p. 251, 261; Petit, Y., "Commentaire de l'article R", fi Costantinesco, V., Kovar R., u Simon D., *Traité sur l'Union européenne:commentaire article par article*, edizzjoni. Economica, Pariġi, 1995, p. 913, 922 sa 924, u Simon, D., *Le système juridique communautaire*, it-3 edizzjoni, PUF, 2001, p. 306.

27 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Ġunju 2001, Agrana Zucker und Stärke vs Il-Kummissjoni, (T-187/99, Ġabra p. II-1587), u d-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Novembru 2002, Agrana Zucker und Stärke vs Il-Kummissjoni (C-321/01 P, Ġabra p. I-10027).

28 — Ara Combacau, J. u Sur, S., *Droit international public*, is-seba' edizzjoni, Pariġi: Montchrestien, 2006, p. 174-175.

29 — *Ibid.*

30 — Sentenza tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament (294/83, Ġabra p. 1339, punt 23).

peress li, wara li fakkret it-termini, hija waslet biex tagħraf li hemm dritt ta' veto ta' l-Istati Membri fuq kull talba ta' aċċess għal dokument li huma jkunu ttrażmettew lill-istituzzjoni [31]. Madankollu, id-Dikjarazzjoni Nru 35 li hija fformulata fl-istess termini bħall-Artikolu 4(5) tar-regolament, għandha l-istess ambigwità. Għaldaqstant din ma tistax tkun ta' għajnuna sabiex tiġi ppreċiżata t-tifsira: bħal fl-Artikolu 4(5), fil-kliem tagħha mhemmx affermazzjoni ċara, mingħajr dubju ta' dritt ta' veto favur l-Istati Membri.

36. Għandna nagħrfu li l-ifformular ta' l-Artikolu 4(5) huwa milqut minn ekwivoku b'mod irriduċibbli. Huwa veru li dan ma jeskludix l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Prim'Istanza; it-termini ta' din id-dispożizzjoni ma jnaqqsux espressament il-garanziji mogħtija lill-Istati Membri fil-każ ta' talba għal żvelar ta' dokument li ġej minnhom, li tkun indirizzata lil istituzzjoni, għal sempliċi konsultazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(5) ma jistax jiġi kkunsidrat, minn perspettiva purament litterali, bħal kif inhu fl-Artikolu 5 li jipprovdi li, "meta Stat Membru jirċievi talba għal dokument fil-pussess tiegħu, li l-origini tiegħu ġejja minn istituzzjoni, [...] l-Istat Membru għandu jikkonsulta ma' l-istituzzjoni involuta sabiex jieħu deċiżjoni li ma jipperikolax il-kisba ta' l-għanijiet ta' dan ir-Regolament". Madankollu, il-kliem ta' l-Artikolu 4(5) ma jimponux l-interpretazzjoni li ħadet il-Qorti tal-Prim'Istanza. Madankollu, il-fakoltà mogħtija lill-Istati b'din id-dispożizzjoni li jitolbu li ma jiġux żvelati dokumenti tagħhom lil partijiet terzi ħlief bi ftehim minn qabel min-naħa tagħhom kienet ġiet espressament ikkunsidrat milla-Qorti tal-Prim'Istanza bħala "eċċezzjoni" għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet [32]. Skond ġurisprudenza stabbilita, kull eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet għandu tiġi interpretata u applikata strettament [33]. L-interpretazzjoni li tirrikonoxxi lill-Istati Membri dritt ta' veto mingħajr kundizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dokumenti minnhom trażmessi lil istituzzjoni, għalhekk, setgħat biss tiġi aċċettata jekk setgħet issib biżżejjed sostenn fl-ifformular stess ta' l-Artikolu 4(5).

*B — L-interpretazzjoni sistematika u teleoloġika*

37. Fin-nuqqas ta' tweġiba mhux kontestabbli kif jirriżulta minn interpretazzjoni litterali ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament, huwa xieraq li nippruvaw nippreċiżaw is-sens tad-dispożizzjoni in kwistjoni billi titqiegħed fil-kuntest legali globali li fih tinsab u billi ssir referenza għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjoni in kwistjoni tagħmel parti mill-kuntest legali kkaratterizzat minn żieda fis-

31 — Ara s-sentenza appellata, punti 57 u 58.

32 — Sentenza Messina vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55.

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Jannar 2000, L-Olanda u van der Wal vs Il-Kummissjoni (C-174/98 P u C-189/98 P, Ġabra p. I-1, punt 27); tas-6 ta' Diċembru 2001, Il-Kunsill vs Hautala (C-353/99 P, Ġabra p. I-9565, punt 25); tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni (C-41/00 P, Ġabra p. I-2125, punt 48); ta' l-1 ta' Frar 2007, Sison vs Il-Kunsill (C-266/05 P, Ġabra p. I-1233, punt 63), u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Marzu 1997, WWF UK vs Il-Kummissjoni (T-105/95, Ġabra p. II-313, punt 56).

saħħa bil-mod iżda li dejjem tiżdied tad-dritt Komunitarju tal-bżonn ta' trasparenza b'mod ġenerali u b'mod partikolari tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet.

38. Għal żmien twil, dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, kien kunċett li ma kellu l-ebda post fid-dritt Komunitarju. Iżda l-evoluzzjoni kienet waħda ta' "affermazzjoni progressiva" [34] tad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, li dwarha ser nillimita lili nnifsi li nfakkar fil-qosor l-passi l-iktar importanti. Il-ġibda lejn it-trasparenza fil-proċess għat-teħid ta' deċiżjoni ġiet espressa għall-ewwel darba b'mod formali fid-Dikjarazzjoni Nru 17 dwar id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni annessa ma' l-Att finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, iffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992, li għal dan il-għan jissuġġerixxi l-adozzjoni ta' miżuri intiżi sabiex itejbu l-aċċess tal-pubbliku għal informazzjoni li minnha jiddisponu l-istituzzjonijiet. Fin-nuqqas ta' regoli Komunitarji ġenerali li jiddeterminaw il-portata ta' dan id-dritt ta' aċċess, kienu l-istituzzjonijiet li kellhom jinqatgħu mill-prinċipju tradizzjonali tas-sigriet amministrattiv billi jiddeċiedu huma stess jekk riedux jew le jagħtu aċċess għal dokument mitlub li huma kellhom f'idejhom. Wara li ftehmu fuq l-adozzjoni, fis-6 ta' Diċembru 1993, ta' kodiċi ta' kondotta li jistipula l-prinċipji ta' l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti li jżommu f'idejhom [35], il-Kunsill u l-Kummissjoni, abbażi tas-setgħa ta' organizzazzjoni interna tagħhom [36], ħadu rispettivament deċiżjoni li jimplementaw dawn il-prinċipji [37] u deċiżjoni li jadottaw formalment dan il-kodiċi [38]. Minkejja din l-affermazzjoni progressiva tad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, minkejja l-istedin magħmula mill-Avukati Ġenerali tagħha [39] jew ta' xi membri tagħha [40], minkejja li mheġġa minn ċertu teħid ta' pożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza [41], u anki jekk hija stess irrikoxxiet li d-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi hija stabbilita, bħala prinċipji kostituzzjonali jew leġiżlattivi, fil-parti 'l kbira ta' l-Istati Membri [42], il-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilitix dan, b'mod formali, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju [43].

39. Madankollu, l-iżvilupp ma waqafx hemm. Il-pass li kien imiss kien li jiġi

34 — Fi kliem l-istess Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tat-30 ta' April 1996, L-Olanda vs Il-Kunsill, C-58/94, Ġabra p. I-2169, punt 36), u tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

35 — Kodiċi ta' kondotta 93/730/CE, dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 340, p. 41).

36 — Il-legalità ta' din il-bażi ġie rrikonoxxut (ara s-sentenza L-Olanda vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq).

37 — Deċiżjoni tal-Kunsill 93/731/KE, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill (ĠU L 340, p. 43).

38 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/90/KEFA, KE, Euratom tat-8 ta' Frar 1994, dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 46, p. 58).

39 — Ara l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Tesauro fil-kawża L-Olanda vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19, u ta' l-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Il-Kunsill vs Hautala, iċċitata iktar 'il fuq.

40 — Ara, b'mod partikolari, Ragnemalm, H., "Démocratie et transparence: sur le droit général d'accès des citoyens de l'Union européenne aux documents détenus par les institutions communautaires", iċċitat iktar 'il fuq, p. 826-827.

41 — Li b'mod partikolari jfakkar fi "prinċipju ta' dritt għall-informazzjoni" (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Lulju 1999, Hautala vs Il-Kunsill, T-14/98, Ġabra p. II-2489, punt 87) jew il-"prinċipju ta' trasparenza" (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Frar 2002, Kuijer vs Il-Kunsill, T-211/00, Ġabra p. II-485, punt 52).

42 — Ara s-sentenza L-Olanda vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34.

43 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kunsill vs Hautala (iċċitata iktar 'il fuq, punt 31), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra inutli li tagħti deċiżjoni dwar l-"eżistenza ta' prinċipju ta' dritt għall-informazzjoni", u l-konstatazzjoni magħmula mill-Avukat Ġenerali Léger (konklużjonijiet fil-kawża Interporc vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 75 sa 80).

stabbilit mit-Trattat ta' Amsterdam, minn naħa fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-UE ta' "prinċipju ta' ftuħ", min-naħa l-oħra fl-Artikolu 255 KE tad-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Huwa minnu li dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx effett dirett u għalhekk ma jistgħux ikunu ta' sostenn għal talba għall-iżvelar ta' dokument ta' istituzzjoni; l-eżerċizzju ta' dritt ta' aċċess jibqa' soġġett għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tirregola l-proċedura [44]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 255(2) KE, kif jirriżulta mit-Trattat ta' Amsterdam, jagħti bażi legali għal dan il-għan, billi jagħti lill-Kunsill, b'kodeċiżjoni mal-Parlament, l-obbligu li jippreċiża l-prinċipji ġenerali u l-limiti tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet. Huwa abbażi ta' din il-bażi legali li ġiet adottatta l-leġiżlazzjoni Komunitarja ġenerali dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet li jikkostitwixxu r-Regolament Nru 1049/2001. Jibqa' l-fatt li minn issa 'l quddiem l-eżistenza ta' dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet mhijiex iktar ibbażata fuq miżuri ta' ordni interna adottati mill-istituzzjonijiet li dawn għandhom jirrispettaw skond il-massima "*patere legem quam ipse fecisti*", jew inkella fuq ir-regolament iżda fuq dispożizzjoni ta' valur kostituzzjonali.

40. Dan l-iżvilupp legali ta' dritt għal aċċess ġie aċċellerat minn żvilupp materjali. Għaddejna minn sempliċi favur mogħti lill-kostituent mill-istituzzjonijiet fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom għal dritt suġġettiv reali ta' natura fundamentali mogħti lill-individwu. Fil-fatt, filwaqt li l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet tħalla għad-diskrezzjoni ta' dawn ta' l-aħħar, il-miżuri li ħadu sabiex jippreċiżaw il-mod kif dawn it-talbiet jiġu ttrattati kien biss sabiex jiżgura l-funzjonament intern tagħhom fl-interess ta' amministrazzjoni tajba. Huma ma jagħtu l-ebda dritt suġġettiv lil individwi li jippermettilhom jiksbu l-informazzjoni mitluba, anki jekk setgħu jitolbu li dawn il-miżuri meħuda jiġu rrispettati [45]. Bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 255 KE mit-Trattat ta' Amsterdam, l-aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet sar dritt suġġettiv mogħti lil "kull ċittadin ta' l-Unjoni, u [lil] kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru". Dan id-dritt ta' aċċess għandu n-natura ta' dritt fundamentali hekk kif jikkonferma l-fatt li ġie adottat fl-Artikolu 42 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali [46].

41. Dan it-tisħiħ ta' l-istatus tad-dritt għal aċċess huwa strettament marbut mal-bidliet ta' l-għanijiet imfittxija mill-"eżiġenza ta' trasparenza" [47]. Il-ftit obbligi ta' l-istituzzjonijiet, li kienu marbuta mill-qrib jew mill-

44 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Petrie *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 sa 38.

45 — Ara l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Tesauro fil-kawża L-Olanda vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq, punti 18 sa 20).

46 — Fuq il-valur tal-Karta bħala kriterju ta' interpretazzjoni ta' l-istrumenti ta' protezzjoni tad-drittjiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-UE, ara l-konklużjonijiet tiegħi ta' l-14 ta' Diċembru 2006 fil-kawża Ordre des barreaux francophones et germanophone *et* (sentenza tas-26 ta' Ġunju 2007, C-305/05, Ġabra p. I-5305, punt 48).

47 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' April 2007, WWF European Policy Programme vs Il-Kunsill (T-264/04, Ġabra p. II-911, punt 61).

bogħod ma' dan ir-rekwiżit, oriġinarjament kellhom it-tendenza li jassiguraw l-effettività ta' l-azzjoni Komunitarja u l-kontroll tal-legalità tagħha. Wieħed jista' jaħseb fir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jew ta' l-obbligi ta' motivazzjoni u li l-atti Komunitarji jkunu aċċessibbli. Mal-wasla tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma għand l-awtoritajiet pubbliċi, it-trasparenza kienet iktar intiża sabiex issaħħaħ il-leġittimità demokratika ta' l-azzjoni Komunitarja [48]. Mingħajr dubju, jekk wieħed irid jipprovoka, nistgħu nqajmu dubju dwar ir-relazzjoni bejn trasparenza u demokrazija. Mhuwiex dan sintomu ta' sentiment ġenerali ta' suspett taċ-ċittadin fir-rigward tal-gvernijiet u tas-sistema demokratika rappreżentattiva? Għaldaqstant, jeżisti r-riskju li t-trasparenza ma tkunx użata bl-istess mod miċ-ċittadini kollha u li hija sservi sabiex tippromwovi aċċess privileġġat lil ċerti gruppi ta' interess għas-sistema politika. Fi kwalunkwe każ, din ir-rabta mal-prinċipju tad-demokrazija, li fuqha hija bbażata l-Unjoni [49], ġiet enfasizzata mill-bidu. Diġà fid-Dikjarazzjoni Nru 17 dwar id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni annessa ma' l-Att finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa nnutat li "t-trasparenza fil-proċess deċiżjonali ssaħħaħ in-natura demokratika ta' l-istituzzjonijiet". Il-ġurisprudenza tfakkar bosta drabi t-termini ta' din id-dikjarazzjoni [50], u sussegwentement spjegat li t-trasparenza intiża sabiex tagħti lill-pubbliku l-ikbar aċċess possibbli għad-dokumenti tiggarantixxi li "l-amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u responsabbli liċ-ċittadini f'sistema demokratika" [51], safejn din tippermetti lil dawn ta' l-aħħar "li jeżerċitaw kontroll effettiv u effettiv fuq l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-istituzzjonijiet Komunitarji" [52]. "Fil-fatt, huwa biss fejn hemm reklamar adegwat ta' l-attivitajiet tal-poter leġiżlattiv, ta' l-eżekuttiv u ta' l-amministrazzjoni pubblika in ġenerali, li huwa possibbli, minn naħa, li jiġi effettwat kontroll effettiv u effikaċji, ukoll fuq il-livell ta' l-opinjoni pubblika, dwar il-funzjonament ta' l-organizzazzjoni li qed tiggverna u, min-naħa l-oħra, ta' l-iżvilupp, fir-relazzjonijiet bejn l-amministrazzjoni u l-kostituwenti, tal-mudelli ta' organizzazzjoni li jiżguraw realment il-parteċipazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar" [53]. Fl-aħħar nett, ir-rabtiet bejn it-trasparenza u d-demokrazija evidenzjati kienu mfakkra fit-tieni premessa tar-Regolament.

42. Għandu jiġi mfakkar li, anki meta l-prinċipju ta' aċċess l-aktar wiesa' possibbli għad-dokumenti miżmuma għand l-istituzzjonijiet kien biss stabbilit f'miżuri ta' organizzazzjoni interna, il-ġurisprudenza kienet iddeduċiet li l-eċċezzjonijiet u l-limiti

48 — Sabiex jiġu evidenzjati r-rabtiet bejn it-trasparenza u demokrazija, ara Lequesne, Ch., "La transparence, vice ou vertu des démocraties?", fi *La transparence dans l'Union européenne, mythe ou principe juridique?*, xogħol iċċitat iktar 'il fuq, p. 11; Meisse, E., "La démocratie administrative dans le traité établissant une Constitution pour l'Europe", fi Constantinesco, V., Gautier, Y., u Michel, V., (taħt id-direzzjoni ta'), *Le traité établissant une Constitution pour l'Europe, Analyses et commentaires*, PUS, 2005, p. 397.

49 — Hekk kif ifakkar l-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-UE.

50 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Ġunju 1998, Svenska Journalistförbundet vs Il-Kunsill (T-174/95, Ġabra p. II-2289, punt 66); ta' l-14 ta' Ottubru 1999, Bavarian Lager vs Il-Kummissjoni (T-309/97, p. II-3217, punt 36), u Petrie *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

51 — Sentenzi Kuijer vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq, punt 52) u tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

52 — Sentenza tas-7 ta' Diċembru 1999, Interporc vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

53 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Tesauro fis-sentenza L-Olanda vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14.

imposti minn dawn il-miżuri kellhom jiġu interpretati u applikati strettament sabiex l-applikazzjoni tal-prinċipju ma tiġix imfixkla [54]. Id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet sar dritt fundamentali ta' valur kostituzzjonali marbut mal-prinċipji tad-demokrazija u ta' ftuħ, fid-dawl tiegħu għandu jiġi interpretat b'mod partikolari kull att ta' dritt sekondarju li għandu bħala għan li jirregola l-eżerċizzju, u l-limiti li jirriżultaw minn dan għandhom jiġu interpretati b'mod iktar strett [55]. Jirriżulta b'mod partikolari li, filwaqt li għal żmien twil id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet kien rikonoxxut biss permezz ta' miżuri ta' organizzazzjoni interna, dawn setgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ċerti kategoriji ta' dokumenti, b'mod partikolari dawk li tagħhom l-istituzzjonijiet ma kienux awturi, fejn b'hekk l-eżistenza ta' dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet iggarantit minn dispożizzjoni ta' valur superjuri minn issa 'l quddiem tipprojbixxi lil-leġiżlatur Komunitarju milli jirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni [56]. Madankollu, restrizzjoni simili tirriżulta minn interpretazzjoni li tikkunsidra l-Artikolu 4(5) tar-regolament bħala li jirrikonoxxi dritt ta' veto favur l-Istati Membri fuq l-iżvelar ta' dokumenti maħruġa minnhom. Fil-fatt f'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, li dokument li firrigward tiegħu Stat Membru jkun għamel talba sabiex dan ma jiġix żvelat mhuwiex irregolat mid-dritt Komunitarju iżda mid-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti ta' dan l-Isati Membru [57]. Minbarra dan, u f'kull każ, ir-rikonoxximent ta' dritt ta' veto mingħajr kundizzjoni għall-Istati Membri fuq l-iżvelar mill-istituzzjonijiet ta' dokumenti li jkunu ġew ikkomunikati lilhom jista jwassal għal dannu wisq sinjifikattiv għad-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti u ta' trasparenza tal-proċess deċiżjonali Komunitarju li dan jiggarantixxi. L-ewwel nett, fil-fatt, numru kbir ta' dokumenti li jservu għat-teħid ta' deċiżjoni Komunitarja ġejjin mill-Istati Membri. It-tieni nett, il-parti 'l kbira tad-drittijiet ta' l-Istati Membri fil-qasam ta' trasparenza jipprovdu eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess meta d-dokumenti mitluba jirrigwardaw il-politika barranija ta' l-Istat, jiġifieri r-relazzjonijiet li dan għandu ma' Stati oħra jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u b'hekk hemm riskju li kważi b'mod sistematiku huma jinvokaw l-Artikolu 4(5) sabiex jimpedixxu l-iżvelar ta' dokumenti li huma jkunu ttrażmettew lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

43. Minbarra dan, għandu jiġi enfasizzat li jirriżulta mir-rabta stabbilita fl-Unjoni Ewropea bejn il-prinċipju tat-trasparenza u s-sistema demokratika li l-aċċess għal dokument jew ieħor għandu jiġi stabbilit skond l-identità ta' l-awtur, iżda l-aktar mill-impor-

54 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, WWF UK vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56; tas-6 ta' Frar 1998, Interporc vs Il-Kummissjoni (T-124/96, Ġabra p. II-231, punt 49); Svenska Journalistförbundet vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 110; Bavarian Lager vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39; Kuijer vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55; WWF European Policy Programme vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, L-Olanda u van der Wal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27; Il-Kunsill vs Hautala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25, tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48.

55 — Għal sunt ta' l-obbligu ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja b'mod kompatibbli mad-drittjiet fundamentali garantiti fis-sistema legali Komunitarja, ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni (46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859, punt 12), u l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Léger fis-sentenza Il-Kunsill vs Hautala, iċċitata iktar 'il fuq.

56 — Dan jirriżulta minn qari *a contrario* tal-ġurisprudenza: ara s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 41 sa 43, kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Diċembru 1999, Interporc vs Il-Kummissjoni, punt 66; JT's Corporation vs Il-Kummissjoni, punt 53, u Petrie *et* vs Il-Kummissjoni, punt 47.

57 — Sentenza appellata, punt 61.

tanza ta' dan id-dokument għall-għarfien u għar-responsabbiltà tal-proċedura ta' deċiżjoni Komunitarja.

44. Minbarra dan, ir-regolament għandu l-għan preċiż li jwettaq b'mod konkret id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti stabbilit mill-Artikolu 255 KE billi jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali, il-kundizzjonijiet u l-limiti. Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu, moqri, b'mod partikolari, fid-dawl tar-raba' premessa tiegħu, u hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja stess enfasizzat, huwa "intiż sabiex jagħti l-iktar effett wiesa' possibbli lid-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti fil-pussess ta' l-istituzzjonijiet" [58]. F'dan id-dawl, kif diġà semmejt u kif il-Qorti tal-Prim'Istanza stess irrilevat fis-sentenza appellata [59], progress sinjifikattiv meta mqabbel mad-dritt preċedenti mogħti minn dan ir-regolament jikkonsisti li ġiet imwarrba r-regola ta' l-awtur. Għaldaqstant, ir-rikonoxximent lill-Istati Membri, hekk kif għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza, ta' dritt ta' veto mingħajr kundizzjoni fuq l-iżvelar mill-istituzzjonijiet ta dokumenti lilhom trażmessi jwassal sabiex terġa tiddaħħal, għallinqas parzjalment, b'mod indirett din ir-regola ta' l-awtur. Fl-opinjoni tiegħi, din l-interpretazzjoni mhijiex kompatibbli la mas-suġġett u lanqas ma' l-għan tar-regolament.

45. Madankollu, skond il-Kummissjoni u r-Renju Unit, li tirrifjuta dritt ta' veto ta' l-Istat Membru li minnu ġej id-dokument mitlub billi l-istituzzjoni li qed iżżomm id-dokument titħalla tiddeċiedi dwar l-iżvelar tiegħu jwassal għal armonizzazzjoni b'mod indirett tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali rilevanti għad-dritt ta' aċċess kuntrarjament għall-għan stabbilit mir-regolament u bi ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din kienet ukoll l-opinjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li bbażat is-soluzzjoni tagħha fuq il-ħmistax-il premessa ta' dan ir-Regolament, li skond din "la għandu l-għan u lanqas l-effett li jemenda l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' aċċess għad-dokumenti" [60]. Sabiex ukoll tħares l-applikazzjoni tad-drittijiet nazzjonali f'dak li jirrigwarda trasparenza, stabbilixxiet bħala dritt li kull talba ta' rifjut ta' aċċess magħmula minn Stat Membru skond l-Artikolu 4(5) peress illi "tikkostitwixxi inġunzjoni lill-istituzzjoni li ma tiżvelax id-dokument in kwisjtoni" [61], għandha bħala effett li tneħħi d-dokument lilha trażmess minn taħt is-sistema tad-dritt Komunitarju għall-aċċess sabiex tkun suġġetta għad-dritt nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat [62].

46. Madankollu, din l-analiżi hija inkompatibbli mat-termini speċifiċi ta' l-Artikolu 2(3) tar-regolament, li skond dan ir-regolament "għandu jgħodd lil kull dokument miżmum minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti miktuba minnha jew li rċiviet u fil-pussess tagħha". Din ukoll hija diffiċli li taqbel ma' l-Artikolu 2(2) li jipprovdi li "l-istituzzjonijiet jistgħu [...] jagħtu aċċess għad-dokumenti lil kull persuna naturali jew legali li m'hijiex residenti jew li m'għandhiex l-uffiċċju reġis-

58 — Sentenza ta' l-1 ta' Frar 2007, Sison vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq, punt 61).

59 — Punti 53 u 54 tas-sentenza appellata.

60 — Punt 57 tas-sentenza appellata.

61 — Punt 58 tas-sentenza appellata.

62 — Punt 61 tas-sentenza appellata.

trat f'Stat Membru". Mill-qari flimkien ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, jirriżulta li dokument trażmess minn awtorità nazzjonali lil istituzzjoni, huwa minn dan il-mument, esklużivament suġġett għad-dritt Komunitarju u taħt ir-responsabbiltà ta' din l-istituzzjoni. Il-qari flimkien ma' l-Artikolu 5 juri b'mod ċar il-loġika wara r-regolament: id-dritt applikabbli għal talba għal aċċess u l-awtorità kompetenti sabiex jiġi deċiż dwar l-iżvelar tiegħu jiddependu mhux mill-oriġini tad-dokument jew mill-istatus ta' l-awtur tiegħu, iżda mill-identità ta' min qed iżomm id-dokument jew, iktar bl-eżatt, l-*istatus* tal-korp li lilu ntalab l-aċċess.

renza huma iktar ġenerużi. Minn naħa l-oħra, istituzzjoni tista', fil-kundizzjonijiet jew skond il-limiti ppreċiżati iktar 'il quddiem, tagħti aċċess għal dokument meta l-Istat Membru li jkun ittrażmettielu dan id-dokumnet ikun irrifjuta l-komunikazzjoni, peress li r-regoli Komunitarji li l-Istati Membri ftehmu flimkien li jimponu fuq l-istituzzjonijiet jagħtu aċċess aktar wiesgħa għad-dokumenti milli d-dritt nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat. Dawn id-diverġenzi ta' evalwazzjoni m'għandhomx joffendu, hekk kif il-kawża Svenska Journalistförbundet vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, turi b'mod emblematiku [63]. Dawn huma preċiżament is-sinjal u r-riżultat tal-fatt li l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar id-dritt ta' aċċess m'għandha la bħala għan u lanqas bħala effett li tarmonizza l-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam.

47. Il-biża li jiġu kkontestati leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tat-trasparenza, fil-każ li l-istituzzjoni, li żżomm dan id-dokument, tingħata s-setgħa tiddeċiedi dwar l-iżvelar ta' dokument li ġej minn Stat Membru, ma tidhirx fondata. Il-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali jibqgħu awtonomi, għaliex dawn jirrigwardaw oqsma differenti. Huwa minnu, li jistgħu jseħħu xi problemi fejn l-istess dokument jista' jaqa' kemm taħt id-dritt nazzjonali u taħt id-dritt Komunitarju. Anki f'dan il-każ, id-deċiżjoni meħuda minn istituzzjoni abbażi tar-regolament ma torbotx l-Istat Membru minn fejn ġej id-dokument mitlub jekk talba għall-ikkomunikar ta' dan hija wkoll lilu indirizzat; din it-talba tkun eżaminata abbażi tad-dritt nazjonali. Hekk kif jimponi l-Artikolu 5 tar-regolament, bla ħsara li ma jikkompromettix, meta jagħmel dan, l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun jista' b'hekk jiżvela dokument li l-istituzzjoni Komunitarja tkun irrifjutat l-aċċess, peress illi r-regoli nazzjonali tiegħu fil-qasam ta' trasparenza huma iktar ġenerużi.

48. Hekk kif qed nesponi, għalkemm l-interpretazzjoni teleoloġika u sistematika timponi li wieħed ma jarax fl-Artikolu 4(5) ir-rikonoxximent lill-Istati Membri ta' dritt

63 — Infakkar biss li f'din is-sentenza, l-awtoritajiet Żvediżi kienu kkomunikaw 18 mill-20 dokument tal-Kunsill mitluba dwar it-twaqqif tal-Europol, filwaqt illi l-Kunsill kien żvela biss 4.

ta' veto, jibqa' l-fatt li ċertu effett utli għandu jingħata lil din id-dispożizzjoni. F'dan id-dawl, wieħed għandu jaqbel mal-Qorti tal-Prim'Istanza[64] li l-Artikolu 4(5) jistabbilixxi *lex specialis* billi jqiegħed l-Istati Membri f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-partijiet terzi oħra, irregolata mill-Artikolu 4(4). Iżda huwa biżżejjed, sabiex jiġi assigurat effett utli għall-Artikolu 4(5), li jiġi rrikonoxxut dritt għal Stat Membru, jekk jitlob dan, li jkun hemm l-obbligu li jiġi kkonsultat mill-istituzzjoni li lilha tiġi indirizzata talba għall-iżvelar tad-dokument li huwa jkun ittrażmetta. L-Istat Membru li jkollu l-intenzjoni li jinvoka l-Artikolu 4(5) għalhekk jinsab f'pożizzjoni privileġġata meta mqabbel ma' partijiet terzi oħra, peress li għandu l-assigurazzjoni li jkun jista' jesponi lill-istituzzjoni li żżomm id-dokument li ġej minnu r-raġunijiet li, skond huwa, jipprekludu l-iżvelar tiegħu, ukoll meta huwa ċar għall-istituzzjonijiet li d-dokument għandu jiġi jew m'għandux jiġi żvelat. Fi kliem ieħor, jew l-Istat Membru minn fejn ġej id-dokument mitlub ma jippreżentax talba skond l-Artikolu 4(5), u ma jiġix ikkonsultat mill-istituzzjoni li għandha d-dokument skond l-Artikolu 4(4), fejn f'dan il-każ, bħal fil-każ ta' partijiet terzi, jiġi kkonsultat mill-istituzzjoni li għandha d-dokumnet skond l-Artikolu 4 (4) biss jekk ma jkunx ċar li dan id-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat, jew l-Istat Membru jagħmel din it-talba, u f'dan il-każ għandu jiġi kkonsultat mill-istituzzjoni fil-każijiet kollha.

49. Huwa minnu li r-Renju Unit joġġezzjona li t-tnaqqis ta' l-Artikolu 4(5) għal sempliċi obbligu ta' proċedura ta' konsultazzjoni sistematika ta' l-Istat Membru li minnu ġej id-dokument mitlub fil-każ fejn issir talba għal dan ma jagħtix l-portata reali lil din id-dispożizzjoni meta mqabbla ma' l-Artikolu 4 (4) billi l-konsultazzjoni skond l-Artikolu 4 (5), li ssir f'każijiet fejn huwa ċar li d-dokument in kwistjoni għandu jew m'għandux jiġi żvelat, mhuwiex ta' interess. Din l-oġġezzjoni ma tistax tiġi aċċettata, minħabba li r-raġunijiet li Stat Membru jista' jressaq sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' żvelar mill-istituzzjoni li żżomm id-dokument, li l-Istat Membru ttrażmettilha, mhumiex limitati għal eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3), li huma l-uniċi raġunijiet li fir-rigward tagħhom, jista' jkun ċar għal din l-istituzzjoni li d-dokument in kwistjoni għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

50. Huwa minnu li Stat Membru li minn għandu ġej id-dokument mitlub ma jistax jinvoka kwalunkwe raġuni sabiex jopponi l-iżvelar ta' dan id-dokument mill-istituzzjoni li lilha t-talba għal aċċess hija indirizzata. Jirriżulta mill-Artikolu 255(2) KE li dawn ir-raġunijiet għandhom bilfors jirrigwardaw interessi pubbliċi jew privati. Iżda r-"raġuni ta' interess pubbliku jew privat" li l-Istat Membru jista' jressaq mhijiex biss limitata għal eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess

64 — Punt 58 tas-sentenza appellata.

stabbiliti mir-Regolament, peress li dawn jistgħu wkoll ikunu bbażati fuq id-dritt nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat.

51. Fl-aħħar nett, hija madankollu l-istituzzjoni li żżomm dan id-dokument li għandha tiddeċiedi fuq it-talba għal aċċess, mingħajr ma tkun marbuta mill-opinjoni mogħtija mill-Istat Membru li minnu ġej id-dokument. F'dan ir-rigward, f'dan il-każ għadu mhux possibbli li tiġi segwita l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, skond liema l-Istat Membru m'għandux obbligu li jagħti raġuni għat-talba tiegħu sabiex dokument ma jiġix żvelat, ippreżentata skond l-Artikolu 4(5) [65]. Jekk l-Istat Membru ma jagħtix ir-raġunijiet li, skond huwa, jiġġustifikaw rifjut għal aċċess, kif tista' l-istituzzjoni tkun avżata u, *a fortiori*, tkun konvinta bl-eżistenza ta' bżonn speċifiku ta' kunfidenzjalità?

52. Madankollu, jekk, fil-kuntest ta' l-eżami tal-motivazzjoni mogħtija mill-Istat Membru, l-istituzzjoni tista' tikkunsidra mill-ġdid l-evalwazzjoni minnu mogħtija ta' bżonn speċifiku ta' kunfidenzjalità taħt waħda mill-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess imsemmija mir-Regolament, hija ma tkunx tista' tagħmel dan, fil-każ fejn it-talba mill-Istat Membru sabiex ma jiġix żvelat tkun immotivata mill-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat previst mid-dritt nazzjonali.

53. Madankollu, jiena ta' l-opinjoni li l-istituzzjoni tista' tirrifjuta t-talba għan-nuqqas ta' żvelar ibbażata fuq il-bżonn speċifiku ta' kunfidenzjalità li jirriżulta mid-dritt nazzjonali, jekk hija tqis li t-trasparenza fil-proċess għat-teħid ta' deċiżjoni Komunitarja titlob dan. Fi kliem ieħor, jekk ftehim tajjeb tar-raġunijiet li kienu wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni Komunitarja kkonċernata jirrikjedi dan, l-istituzzjoni għandha jkollha — u fil-fatt għandha — tagħti l-aċċess għad-dokument li ġej minn Stat Membru lil dak li jkun talab id-dokument, anki meta dan l-Istat Membru jkun oppona dan minħabba sigriet protett mid-dritt nazzjonali tiegħu. Dan huwa għar-rispett ta' l-għan tat-trasparenza, li minnu jagħmel parti d-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti [66]. Iktar 'il quddiem, dan japplika wkoll għall-effettività tal-prinċipju ta' demokrazija li għalih, hekk kif rajna, it-trasparenza hija llum strettament marbuta miegħu. Fl-aħħar nett, dan japplika wkoll għall-bżonn ta' kongruwenza strutturali, it-trasferiment ta' kompetenzi lill-Komunità m'għandhomx iwasslu għal tnaqqis tal-kontroll demokratiku tas-setgħa miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Madankollu, b'mod partikolari, dan jista' jkun il-każ jekk Stat Membru għandu, għad-dokumenti kollha li jikkomunika lill-istituzzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjoni Komunitarja, jinvoka l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess ibbażat fuq id-dritt nazzjonali dwar l-politika barranija

65 — Punt 59 tas-sentenza appellata.

66 — Għal konferma, fl-aħħar nett nirreferi għall-qari li jiċċara l-Artikolu I-50 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

ta' l-Istat. Jekk huwa biżżejjed għal Stat Membru li jinvoka eċċezzjoni ta' din it-tip sabiex b'mod sistematiku jevita kull talba ta' aċċess għal dokument relatat mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċess deċiżjonali tal-Komunità, ir-rwol li għandu l-prinċipju ta' trasparenza fil-kontroll demokratiku tal-proċess politiku jista' jiġi mdgħajjef. Fil-fatt, ma jkunx aċċettabbli li ċerti poteri, li kienu suġġetti għal mekkaniżmi ta' kontroll demokratiku fuq livell nazzjonali jkunu, minħabba t-trasferiment tagħhom lill-Komunità, minn issa 'il quddiem, sistematikament eżentati minn mekkaniżmi ekwivalenti għal kontroll demokratiku, minħabba li issa jaqgħu fil-qasam tal-"politika barranija ta' l-Istati".

54. Meta tipproċedi għal evalwazzjoni ta' l-imperattiv ta' trasparenza tal-proċess deċiżjonali Komunitarju sabiex tiddeċiedi fuq it-talba ta' aċċess għal dokument minn Stat Membru lilha indirizzata, l-istituzzjoni għandha madankollu wkoll tikkunsidra l-integrità tad-dritt nazzjonali, li fir-rispett tiegħu dan l-Istat Membru jkun talab li d-dokument ma jiġix żvelat skond l-Artikolu 4 (5). Nirrepeti, li jagħmel aktar sens li l-Istat Membru jqiegħda fil-pożizzjoni, permezz tal-motivazzjoni tat-talba tiegħu li d-dokument ma jiġix żvelat, li tifhem għaliex il-kunfidenzjalità hija bżonnjuża għar-rispett tad-dritt nazzjonali u l-għanjiet tiegħu. Dan il-bilanċ, il-prinċipju ta' koperazzjoni leali li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, imfakkar fil-ħmistax-il premessa tar-regolament jirrikjedi dan, b'mod li jimponi wkoll lill-Istati Membri li jikkomunikaw lill-istituzzjonijiet id-dokumenti meħtieġa għat-teħid tad-deċiżjoni Komunitarja u wkoll fuq kollox li jobbliga min-naħa l-oħra l-Istati Membri ma jikkompromettux it-twettiq ta' l-għanjiet ta' dan ir-regolament meta, skond l-Artikolu 5 tar-regolament, jiddeċiedu abbażi tad-dritt nazzjonali tagħhom fuq talba ta' aċċess għal dokument fil-possess tagħhom li ġej minn istituzzjoni.

55. Nibqa' ninsisti li, ir-rikonoxximent ta' dritt ta' l-aħħar kelma hekk stabbilit għal istituzzjoni li għandha dokument li ġej minn Stat Membru fuq talba għal aċċess lilha indirizzata, hija l-unika interpretazzjoni li taqbel mal-fatt li dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet huwa dritt fundamentali. Infakkar fil-fatt li kull restrizzjoni għal dritt fundamentali ma tistax tiġi ġġustifikata jekk mhux għal protezzjoni ta' interess leġittimu u li dan, skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, ma jaqbiżx il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex[67].

56. Fl-aħħar nett nosserva li, għalkemm neċessarju fid-dritt, l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 4(5) tar-regolament li jiena nissuġġerixxi ser ikun, jekk mhux fid-dritt, għallin-

67 — Ara bħala eżempju, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, Ġabra p. 1651, punt 38).

qas fil-prattika, ta' impatt limitat fuq il-portata tal-konsultazzjoni ta' l-Istat Membru. Wieħed jista' jipprevedi li bosta drabi, l-opinjoni li jagħti l-Istat Membru li minnu ġej dan id-dokument mitlub, tkun dik segwita mill-istituzzjoni [68].

57. Jirriżulta minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' dritt peress li interpretat l-Artikolu 4 (5) tar-regolament bħala li jagħti lill-Istati Membri dritt ta' veto fuq l-iżvelar mill-istituzzjoni li tkun qed iżżomm id-dokument u li lilha ġiet indirizzata talba ta' aċċess għad-dokumenti li ġew trażmessi lilha.

58. Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix l-opinjoni tiegħi, billi għal kuntrarju tqis li għandha tikkonferma s-sentenza appellata, xorta f'kull każ għandha ssir korrezzjoni tal-motivazzjoni adottata mill-Qorti tal-Prim'Istanza, billi jiġu ssostitiwiti l-motivazzjonijiet. Jidhirli li l-interpretazzjoni [69] li tat lill-Artikolu 4(5) skond liema din id-dispożizzjoni tobbliga b'mod sistematiku l-istituzzjoni li żżomm id-dokument mitlub li tikkonsulta lill-Istat Membru li minn għandu ġej dan id-dokument qabel kull teħid ta' deċiżjoni dwar l-iżvelar tiegħu, anki jekk l-Istat Membru ma jkunx minn qabel għamel talba għal kunfidenzjalità, sabiex, preċiżament ikun mistoqsi jekk jixtieqx jippreżenta talba skond l-Artikolu 4(5), jidher li tmur kontra t-test ċar ta' din id-dispożizzjoni li tissuġġetta espliċitament l-obbligu ta' konsultazzjoni ta' l-Istat Membru fuq dak l-Istat li jkun għamel it-talba sabiex id-dokument ma jiġix żvelat. Huwa minnu, li f'din il-kawża, id-dokumenti nazzjonali mitluba kienu ġew trażmessi lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament. F'każ bħal dan, id-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni ta' dan ir-regolament inklużi mill-Kummissjoni fir-regoli tal-proċedura tagħha [70] jipprovdu għal konsultazzjoni ta' l-awtorità mingħand min ġejjin, indipendentement minn jekk kinitix saret talba skond l-Artikolu 4(5). Għalhekk huwa ta' ftit importanza għal-legalità tas-sentenza appellata li l-konsultazzjoni ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi mill-Kummissjoni f'din il-kawża saret fin-nuqqas ta' kwalunkwe talba minn qabel minn dawn ta' l-aħħar. Iżda t-termini ġeneriċi użati mill-Qorti tal-Prim'Istanza, iwasslu sabiex wieħed jaħseb li l-istedina li hija tindirizza lill-istituzzjonijiet sabiex jikkonsultaw l-Istat Membru li minnu ġej dan id-dokument mitlub sabiex isaqsuh jekk jixtieqx jagħmel użu mill-Artikolu 4(5) japplika kemm għad-dokumenti li huma kienu ttrażmettew qabel l-implementazzjoni tar-regolament kif ukoll għad-dokumenti kkomunikati wara din id-data. F'dan ir-rispett, il-motivazzjoni tas-sentenza tikkontradiċi l-kliem stess ta' l-Artikolu 4(5) u għalhekk ma tistax tintlaqa'. Għalhekk, jiena nissuġġerixxi lill-Qorti tal-

68 — Hekk kif jirriżulta mill-ewwel r-rapport tal-Kummissjoni (ara r-rapport tal-Kummissjoni fuq l-implementazzjoni tal-prinċipji tar-regolament, punt 3.5.1), diġà, huma rari l-każijiet fejn l-istituzzjonijiet ma kkunsidrawx l-opinjoni mogħtija minn partijiet terzi skond l-Artikolu 4(4).

69 — Punt 60 tas-sentenza appellata.

70 — Ara l-Artikolu 5(4)(a) tad-Deċiżjoni 2001/937. Għal sunt ta' dan ir-rekwiżit, ara s-sentenza Messina vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42.

Ġustizzja li tirrettifika dan billi tillimita l-konsultazzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat mill-istituzzjoni li lilha ġiet ippreżentata talba ta' aċċess għal dokument li ġej minn dan ta' l-aħħar sabiex tiddetermina jekk jixtieqx jagħmel użu mill-Artikolu 4(5) fil-każ fejn ġie lilha trażmess dan id-dokument qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

## III — Konklużjoni

59. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tilqa' l-motiv ta' l-appell ibbażat fuq il-ksur tad-dritt Komunitarju u, konsegwentement, li tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-30 ta' Novembru 2004, IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni (T-168/02).